**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum L-Erbgha, 19 ta' Gunju, 2019**

Numru 9

**Appell Nru. 17/2019**

**Jonathan u Domenica konjugi Buttigieg**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar) u**
**l-kjamat in kawza Paul Abela**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tat-terzi interessati l-konjugi Buttigieg tal-24 ta' April 2019 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-4 ta' April 2019 li iddikjarat nulla d-decizjoni mehuda in mertu tal-applikazzjoni PA 3387/14 mill-Bord tal-Ippjanar fil-11 ta' Jannar 2018 u konsegwentement hassar in-notifika tal-permess u ordna li l-process tal-applikazzjoni tigi rimessa lura lil Bord tal-Ippjanar fl-istadju ta' qabel it-tehid tad-decizjoni finali b'dan li issa l-partijiet huma korrettement avzati bid-dokumenti u rapporti kollha aggornati;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat ir-risposta tal-applikant li ssottometta li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Il-bazi essenzjali tal-ewwel aggravju ta' nullita' huwa fis-sens illi meta saret laqgha pubblika fil-11 ta' Jannar 2018 minflok ma ttiehdet id-decizjoni kif jiddisponi r-regolament, waqt il-laqgha, gew zvelati r-ragunijiet ghar-rifjut li bihom ma gewx infurmati lpartijiet infurmati (ossia l-appellant) kif jiddipsoni l-ligi, saru prezentazzjonijiet formali mill-gdid dwar ir-ragunijiet ghar-rifjut u gew ezebiti dokumenti mill-applikant. L-ilment ghalhekk huwa illi l-appellanti ma kienx infurmat bil-proposti tal-Bord tal-Ippjanar waqt li l-applikant kien.

Ghalhekk irid jigi ezaminti jekk l-appellant kienx infurmat bil-proposti tal-Bord tal-Ippjanar qabel id-data tas-seduta li ghaliha kien differit is-smiegh.

Dwar dan l-permit holder jghid (u dan huwa fatt) illi r-rapport tad-Direttorat bir-ragunijiet tar-rifjut gie ppubblikat fit-18 ta' Dicembru 2017 u ghalhekk fit-termini tal-ligi. L-appellanti jghid li huwa ma rcieva ebda komunika dwar dan.

Fix-xhieda li nghatat minn Joe Borg, Segretarju tal-Bord tal-Ippjanar, iddikjara illi intbaghtet email lill-persuni nteressati kollha nkluz l-appellanti. L-appellanti stess iddikjara fix-xhieda tieghu tat-12 ta' Frar 2019 illi r-rapport ossia proposti tal-Awtorita' kien ircevihom hu tant hu hekk li kien baghthom huwa stess lill-perit tieghu. Il-perit tieghu mbaghad qallu nistennew u naraw x'jigri waqt is-seduta.

Il-punt li qajjem l-appellanti waqt ix-xhieda tieghu huwa li r-rapport li huwa rcieva u li kien uploaded fuq is-sistema ma kienx irrapport aggornat. Ir-rapport aggornat kien dak ir-rapport li waqt is-seduta l-permit holder ghamel ir-rappresentazzjonijiet tieghu. Ir-rapport li gie mill-appellanti downloaded mis-sistema tal-Awtorita' fl-10 ta' Jannar 2018 (ghalhekk il-gurnata ta' qabel isseduta) jidher car li mhux aggornat. Infatti huwa l-istess wiehed li gie minnu mixtri fit-12 ta' Novembru 2017.

Ir-rapport aggornat jidher a fol 552b tal-process tal-applikazzjoni u fih revised conditions/reasons li huma nieqsa mir-rapport li kien uploaded fuq il-website tal-Awtorita' u li nxtara mill-appellanti fid-data tal-10 ta’ Jannar 2018.

Dan huwa nuqqas serju. L-procedura cara ghandha tigi segwita dejjem. Ghalhekk l-ewwel parti tal-aggravju huwa milqugh u ghaldaqstant mhux il-kaz li jigu ezaminati l-aggravji l-ohra f'dan l-istadju.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddikjara nulla id-decizjoni mehuda n mertu mill-Bord ta' L-ippjanar fil-11 ta' Jannar 2018 u konsegwentament ihassar in-notifika tal-permess PA 3387/14 u jordna li l-process tal-applikazzjoni tigi rimessa lura lill-Bord talIppjanar l-istadju ta' qabel it-tehid tad-decizjoni finali b'dana illi issa l-partijiet kollha huma avzati korrettement biddokumentazzjoni u rapporti kollha aggornati.

**Ikkunsidrat**

Dan hu appell mhux solitu ghax qed isir mit-terzi li sa certu punt intlaqa’ l-appell taghhom li l-Bord tal-Awtorita ma mexiex skont dak li jipprovdi r-regolament 13(4) tal-Avviz Legali 162/2016 li jiddisponi kif gej:

> (4)(a) Il-Bord tal-Ippjanar għandu jiddeċiedi u jiddetermina kwalunkwe applikazzjoni matul l-ewwel seduta, ħlief jekk talba għas-sospensjoni jew differiment tkun ġiet milqugħa. Matul l-ewwel seduta, iċ-Chairperson tal-Bord tal-Ippjanar għandu jitlob lil kull membru tal-Bord preżenti għall-ewwel seduta biex jesprimi opinjoni proviżorja fuq ir-rakkomandazzjoni taċ-Chairperson Eżekuttiv. Jekk il-maġġoranza tal-membri tal-Bord tal-Ippjanar preżenti għall-ewwel seduta jesprimu opinjoni proviżorja li, jekk ma jingħatawx aktar kjarifiki, l-intenzjoni tagħhom hi li jmorru kontra ir-rakkomandazzjoni taċ-Chairperson Eżekuttiv, il-Bord tal-Ippjanar għandu, flimkien mar-rekwiżiti tal-Att, jiddiferixxi d-deċizjoni tal-applikazzjoni fiż-żmien li ma jeċċedix sitt ġimgħat, jipproponi lista ta’ kondizzjonijiet jew raġunijiet ta’ rifjut, u jżid il-kummenti fis-sezzjoni tan-noti tal-kumitat fir-rapport. Il-perit, l-applikant, il-partijiet reġistrati interessati, il-konsulenti esterni u konsulenti oħra għandhom ikunu informati bil-proposti tal-Bord tal-Ippjanar qabel id-data tas-seduta li għaliha ikun differit is-smigħ.

It-Tribunal qies l-aggravju tal-appell quddiemu cioe li fl-ewwel laqgha quddiem il-Bord fuq din l-applikazzjoni li saret fis-7 ta’ Dicembru 2017, l-istess Bord esprima l-opinjoni provvizorja li ma japprovax l-applikazzjoni. Ghalhekk skatta d-dispost tar-regolament 13(4) tal-Avviz Legali 162/2016. Il-Bord iddiferixxa d-decizjoni ghall-11 ta’ Jannar 2018. Hija l-mertu ta’ dak li sehh f’din is-seduta li wassal lit-Tribunal jiddeciedi li l-appellanti odjerni ma kienux infurmati bil-proposti aggornati tal-Bord tal-Ippjanar qabel is-seduta ta’ Jannar kif irid ir-regolament izda rcevew biss l-email u rapport li ma kienx aggornat lanqas fuq il-website tal-Awtorita sa lejlet is-seduta quddiem il-Bord. It-Tribunal gustament ikkonkluda li dan kien nuqqas serju li ma setghax jigi sanat ghax imur kontra l-principju bazilari tal-equality of arms u audi alteram partem f’xenarju fejn l-appellanti ma kellhomx l-opportunita li jaghmlu sottomissjonijiet fuq dak kollu li sar bejn l-ewwel u t-tieni seduta tal-Bord.

Ma hemmx aggravju fuq ir-raguni tal-annullament tad-decizjoni tal-11 ta' Jannar 2018. L-aggravju jirrigwarda r-rimedju li ordna t-Tribunal. L-appellanti jqisu li l-mod kif inhu redatt id-decide ma jaghtix lok ghall-opportunita lil appellanti jaghmlu l-osservazzjonijiet taghhom u s-sottomissjonijiet in mertu ta' dak imressaq bejn l-ewwel u t-tieni seduta tal-Bord jekk id-decizjoni tat-Tribunal ser tiftiehem fis-sens li l-applikazzjoni ser tigi rimessa lil Bord fl-istadju ta' qabel it-tehid tad-decizjoni finali b'dan li l-partijiet huma avzati korretement bid-dokumentazjzoni u rapporti kollha. It-Tribunal qies li d-dokumentazzjoni kollha issa tinsab a fol. 552B tal-process u fih ir-revised conditions and reasons. L-appellanti pero jsostnu illi huma mhux a konoxxenza jekk dawn jirraprezentawx kollox inkluz dak li ipprezenta l-applikant fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2018.

Il-Qorti tqis illi t-Tribunal seta' kien aktar car u preciz fid-decide tieghu u biex zgur ma jkunx hemm xi konflitt ulterjuri fil-proceduri quddiem il-Bord tal-Awtorita qed jinghata ragun lil appellant illi b'mod kif inhu redatt id-decide jaghti nuqqas ta' direzzjoni cara lil Bord dwar kif ghandu jirregola ruhu. Il-Qorti taqbel mal-appellant illi l-principji fuq imsemmija jridu jitwettqu b'mod korett u b'mod trasparenti. Ghalhekk qed jintlaqa' l-aggravju tal-appellanti u billi tqis li dak li gie attakkat mill-appellanti u ghalih inghataw ragun mit-Tribunal hu dak kollu li sehh wara s-seduta tas-7 ta' Dicembru 2017, hu gust illi d-decizjoni tat-Tribunal tigi riformata fis-sens li tannulla l-process kollu ta' PA 3387/14 wara d-decizjoni provvizorja tas-7 ta' Dicembru 2017 u tirrimetti l-atti lura lil Bord biex jerga' jibda l-process sussegwenti ghad-decizjoni provvizorja tas-7 ta' Dicembru 2017 kif irid r-regolament 13(4) tal-Avviz Legali 162/2016, b'dan li qed jigi iccarat illi l-artikolu 13(4) tal-Avviz Legali 162/2016 irid biss li l-partijiet involuti jkunu <u>informati</u> bil-proposta tal-Bord qabel is-seduta u li l-informazzjoni <u>kollha</u> tkun accessibbli fuq il-website tal-Awtorita qabel is-seduta pubblika.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-appellanti konjugi Buttigieg fis-sens hawn fuq deciz u tirriforma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-4 ta' April 2019 tannulla l-process kollu ta' PA 3387/14 wara d-decizjoni provvizorju tas-7 ta' Dicembru 2017 u tirrimetti l-atti lura lil Bord biex jerga' jibda l-

process sussegwenti ghad-decizjoni provvizorja tas-7 ta' Dicembru 2017 kif irid r-regolament 13(4) tal-Avviz Legali 162/2016. Spejjez ghall-appellati in solidum.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur